# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 31/2001GT(GM)

**Frank Tabone**

**vs**

**Sally Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra t-talba dedotta fl-avviz "illi l-attur jiggestixxi hanut maghruf bhala "Ta'Nisju Curtain Shop" fi Pjazza San Gorg, Victoria, Ghawdex.**

**Illi l-konvenuta ghamlet arrangamenti ma' l-attur ghax-xiri ta' drapp, hjata ta' purtieri, bed spreads u cushions.**

**Illi ghal dan ix-xoghol ghadu dovut mill-konvenuta bilanc ta' disgha u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm79.80).**
**Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi l-konvenuta qed tirrifjuta li thallas dan il-bilanc.**

**Illi ghalhekk qed jintalab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri interpellatorji spediti fl-14 ta' Lulja 2001 u 2 ta' Awissu 2001."**
**Illi minkejja li giet interpellata diversi drabi l-konvenuta qed tirrifjuta li thallas dan il-bilanc.**

**Illi ghalhekk qed jintalab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittri interpellatorji spediti fl-14 ta' Lulja 2001 u 2 ta' Awissu 2001."**

**Ra r-risposta li permezz taghha gie eccepit :**

**1. It-talbiet ta' l-attur huma infondati fid-dritt u fil-fatt u m'ghandhomx jigu milqugha stante illi m'hu dovut l-ebda ammont lilu peress illi l-**

**konvenuta gia' hallset is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) kif miftiehem ma' l-attur ghax-xiri ta' drapp u hjata mertu ta' din il-kawza u dana oltre' is-somma ta' sitta u erbghin lira Maltin (Lm46) illi hija hallset *extra* bhala spejjes tas-sopraporta u hadid;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."**

**Sema' l-provi u fela d-dokumenti esibiti mill-partijiet kontendenti;**

**Ikkunsidra**

**Illi d-divergenza bejn il-partijiet hi li l-attur isostni li l-kont originali kien ta' Lm229.87, mentri l-konvenuta ssostni li kien ta' Lm150.**

**Illi in sostenn tal-allegazzjoni tieghu imsemmija, l-attur ipproduca (doc Y) faccata mehuda mill-ktieb tan-negozju tieghu li fuqu nizzel, fil-prezenza tal-konvenuta dettalji dwar l-ordni taghha fil-mument tan-negozjati, u nizzel ukoll xi notamenti ohra li ha waqt li kien qieghed jaqta' id-drapp u dan (almenu skond in-nota spjegattiva pprezentata mill-attur) jiem wara li kienet saret l-istess ordni. Ipproduca wkoll (dok FT2) *itemized bill* li juri kif wasal ghas-somma globali ta' Lm 229.27. Minn dok Y, li nkiteb kif inghad *a tempo vergine*, ghalkem hemm xi qisien u rata jew rati tal-prezz tad-drapp, ma hemmx imnizzel il-prezz ta' Lm229.27, u lanqas hemm mod kif it-Tribunal seta' jasal ghal dan il-prezz b'xi esercizzju matematiku, tant li fin-nota spjegattiva tieghu, l-attur hass li kellu jabbina Dok Y flimkien ma' Dok FT2, liema dokument gie redatt biss biex jigi prodott quddiem it-Tribunal.**

**Illi min-naha l-ohra, il-konvenuta xehdet illi l-attur, wara li qaghad jaghmel il-kalkoli u notamenti fuq il-ktieb tieghu qalilha li l-prezz kien ta' Lm150, u li dan ghamlu fuq insistenza ta' certa Guza Pace, habiba tal-konvenuta, li kienet qieghda takkumpanjaha, li staqsietu kemm kien se jigi l-prezz. Il-konvenuta xehdet li l-attur la uriha x'kiteb, la taha kopja, u l-anqas taha stima bil-miktub. Din ix-xhieda tal-kovenuta hija kollha kemm hi kkorroborata mid-deposizzjoni tal-istess Guza Pace, prodotta bhala xhud mill-konvenuta. Il-konvenuta xehdet li meta marret thallas il-bilanc li kellha taghti lill-attur, marret b'mitt lira fil-portmoni, billi kienet diga' hallset kapparra ta' hamsin lira. Inhasdet meta talabha iktar, u pront qaltlu jikkuntattja lil Guza Pace dak il-hin stess biex tikkonfermalu l-prezz. Fil-fatt l-attur ma rnexxilux jikkuntattja lil Guza Pace dak il-hin stess, ghalkemm ikkuntattjaha iktar tard dakinhar stess qabel ma l-konvenuta lahqet kellmitha. U anke meta kellimha l-attur, Guza Pace ikkonfermatlu l-prezz ta' Lm150.**

**Illi fil-fehma tat-Tribunal, hu ferm sinifikanti li (1) l-istess attur wera dubbju dwar il-prezz, tant li hass li kellu jikkonferma ma' Guza Pace (2) ma meriex lill-attrici dwar li kien sar ftehim ta' Lm150, imma beda jiggustifika kif hu –wahdu- wasal ghall-prezz (3) mistoqsi mill-avukat tieghu stess jekk kienx hemm ftehim ta' Lm150, l-attur ma nnegax b'mod kategoriku, imma beda biex jghid li l-prattika tieghu hi li meta jaghi**

**stima, dan jaghtiha bil-miktub u jew jaghtiha lill-klijent inkella jzomma mehmuza mal-kotba tieghu, imbaghad kien biss wara li qal li *ma kienx il-kont ta' mija u hamsin lira*. Semma l-kont, mhux l-allegat ftehim dwar l-istess kont (4) ix-xhieda ta' Guza Pace ghandha tinghata kredibilita' shiha ghax apparti li hija terza persuna ghan-negozju li sar, hija mhux biss kienet spettatrici meta sar l-akkordju bejn il-partijiet kontendenti, imma hadet sehem attiv tant li kienet hi li pproponiet lill-attur biex isemmi l-prezz halli l-konvenuta tkun taf fejn hi.**

**Illi in vista tal-premess, it-Tribunal huwa sodisfatt li mill-assjem tal-provi mressqa jirrizulta li kien gie miftihem bejn il-partijiet il-prezz ta' Lm150, li diga' thallas kollu mill-konvenuta.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta u konsegwentement jichad it-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba tieghu, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**